



Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla)

23 ta' April 2015*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Tariffa Doganali Komuni — Klassifikazzjoni tariffarja — Nomenklatura Magħquda — Intestatura 1207 — Żrieragħ żejtnin — Intestatura 1209 — Żrieragħ intiżi għaż-żriegħ — Intestatura 1212 — Żrieragħ użati prinċipalment għall-konsum mill-bniedem, mhux imsemmija jew inklużi band'oħra — Importazzjoni ta' żrieragħ tal-qargħa ħamra mhux ipproċessati u fil-qoxra tagħhom li joriġinaw miċ-Ċina”

Fil-Kawża C-635/13,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-Tribunalul București (ir-Rumanija), permezz ta' deċiżjoni tas-17 ta' April 2013, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-4 ta' Diċembru 2013, fil-proċedura

SC ALKA CO SRL

vs

Autoritatea Națională a Vămilelor – Direcția Regională pentru Accize și Operațiuni Vamale Galați, li kienet Autoritatea Națională a Vămilelor – Direcția Regională pentru Accize și Operațiuni Vamale Constanța,

Direcția Generală a Finanțelor Publice a Municipiului București,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla),

komposta minn C. Vajda (Relatur), President tal-Awla, A. Rosas u E. Juhász, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: C. Strömholm, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-4 ta' Frar 2015,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

- għal SC ALKA CO SRL, minn C. Dobre, avukat,
- għall-Gvern Rumun, minn R. H. Radu u V. Angelescu kif ukoll minn D. M. Bulancea u C. Sobu, bħala aġenti,
- għall-Kummissjoni Ewropea, minn G.-D. Balan u A. Caeiros, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: ir-Rumen.

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

- 1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda (iktar 'il quddiem in-“NC”) li tinsab fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 382), fil-verżjonijiet tagħha li jirriżultaw, suċċessivament, mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1549/2006, tas-17 ta' Ottubru 2006 (ĠU L 301, p. 1), u mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1214/2007, tal-20 ta' Settembru 2007 (ĠU L 286, p. 1), kif ukoll l-interpretazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93, tat-2 ta' Lulju 1993, li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi il-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 6, p. 3).
- 2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn, minn naħa, SC ALKA CO SRL (iktar 'il quddiem “ALKA”) u, min-naħa l-oħra, l-Autoritatea Națională a Vămilor – Direcția Regională pentru Accize și Operațiuni Vamale Constanța (awtorità nazzjonali tad-dwana – direttorat reġjonali tad-dazji tas-sisa u tat-tranżazzjonijiet doganali ta' Constanța) u d-Direcția Generală a Finanțelor Publice a Municipiului București (direttorat reġjonali tal-finanzi pubbliċi tal-muniċipalità ta' Bukarest) (iktar 'il quddiem, flimkien, l-“awtorità doganali”), dwar il-klassifikazzjoni tariffarja ta' żrieragħ tal-qargħa ħamra importati miċ-Ċina fi ħdan in-NM.

Il-kuntest ġuridiku

Is-sistema armonizzata għad-deskrizzjoni u kodifikazzjoni ta' merkanzija

- 3 Il-Kunsill tal-Kooperazzjoni Doganali, li sar l-Organizzazzjoni Dinjija tad-Dwana (ODD), twaqqaf permezz tal-Konvenzjoni dwar il-ħolqien tal-imsemmi kunsill, konkluzja fi Brussell fil-15 ta' Diċembru 1950. Is-sistema armonizzata għad-deskrizzjoni u kodifikazzjoni ta' merkanzija (iktar 'il quddiem is-“SA”) tfasslet mill-ODD u ġiet stabbilita permezz tal-Konvenzjoni internazzjonali dwar is-sistema armonizzata għad-deskrizzjoni u kodifikazzjoni ta' merkanzija (iktar 'il quddiem il-“Konvenzjoni dwar is-SA”), konkluzja fi Brussell fl-14 ta' Ġunju 1983 u approvata, flimkien mal-protokoll li jemendaha tal-24 ta' Ġunju 1986, f'isem il-Komunità Ekonomika Ewropea, permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/369/KEE, tas-7 ta' April 1987 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 288).
- 4 Skont l-Artikolu 3(1) tal-Konvenzjoni dwar is-SA, kull Parti Kontraenti timpenja ruħha li n-nomenklaturi tariffarji u statistiċi tagħha jkunu konformi mas-SA, li tuża l-intestatura u s-subintestaturi tagħha, mingħajr żieda u mingħajr emenda, kif ukoll il-kodiċi marbuta magħhom, u li ssegwi l-ordni numerika tal-imsemmija sistema. Kull Parti Kontraenti timpenja ruħha wkoll li tapplika r-Regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tas-SA kif ukoll in-noti kollha tas-sezzjoni, tal-kapitolu u tas-subintestatura tas-SA u li ma temendax il-portata ta' dawn tal-aħħar.

In-NM

- 5 In-NM, stabbilita bir-Regolament Nru 2658/87, hija bbażata fuq is-SA li minnha tiegħu l-intestaturi u subintestaturi b'sitt ċifri, b'mod li huma biss is-seba' u t-tmien ċifra li jiffurmaw subdiviżjonijiet speċifiċi għaliha.
- 6 Skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament Nru 2658/87, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 254/2000, tal-31 ta' Jannar 2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 9, p. 357), kull sena l-Kummissjoni Ewropea għandha tadotta regolament li jirriproduċi l-verżjoni kompleta tan-NM u tar-rati tad-dazju, kif tirriżulta mill-miżuri adottati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jew mill-Kummissjoni. Dan ir-regolament beda japplika mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara.
- 7 Il-verżjonijiet tan-NM applikabbli għall-importazzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li twettqu bejn id-19 ta' Frar 2006 u d-29 ta' Mejju 2008, huma dawk li jirriżultaw mir-Regolamenti Nri 1549/2006 u 1214/2007. Id-dispożizzjonijiet rilevanti tan-NM, li huma msemmija iktar 'il quddiem, huma redatti b'mod identiku f'kull waħda minn dawn il-verżjonijiet.
- 8 It-Tieni Parti tan-NM tinkludi t-Taqsima II, intitolata "Prodotti veġetali", li tinkludi l-Kapitolu 12, intitolat "Żrieragħ u frott żejtnin; diversi qmuħ, żrieragħ u frott; pjanti industrijali jew mediċinali; tiben u magħlef", li fih jinsabu l-intestaturi 1207, 1209 u 1212 tan-NM.
- 9 L-intestatura 1207 tan-NM hija fformulata kif ġej:

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)
[...] 1207	[...] Żrieragħ u frott ieħor żejtnin, imkissrin jew le:	[...]
1207 20	- Żerriegħa tal-qoton:	
1207 20 10	- - Għaż-żriegħ [...]	[...]
1207 20 90	- - Oħrajn	[...]
1207 40	- Ġulgħien:	
1207 40 10	- - Għaż-żriegħ	[...]
1207 40 90	- - Oħrajn	[...]
1207 50	- Żerriegħa tal-mustarda:	
1207 50 10	- - Għaż-żriegħ [...]	[...]
1207 50 90	- - Oħrajn	[...]
	- Oħrajn:	
1207 91	- - Żerriegħa tal-peprin:	
1207 91 10	- - - Għaż-żriegħ [...]	[...]
1207 91 90	- - - Oħrajn	[...]
1207 99	- - Oħrajn:	
1207 99 15	- - - Għaż-żriegħ [...]	[...]
	- - - Oħrajn:	
1207 99 91	- - - - Qannebusa	[...]
1207 99 97	- - - - Oħrajn	B'xejn

10 L-intestatura 1209 tan-NM hija fformulata kif ġej:

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)
[...] 1209	[...] Żrieragħ, frott u spori, ta' kwalita' użati għaż-żriegħ:	[...]
1209 10 00	- Żerriegħa tal-pitravi	[...]
	- Żrieragħ ta' pjanti għall-għalf:	
[...]	[...]	[...]
1209 30 00	- Żrieragħ ta' pjanti erbaċej kultivati priċipalment għall-fjuri tagħhom	[...]
	- Oħrajn:	
1209 91	- - Żrieragħ ta' veġetali:	
1209 91 10	- - - Żerriegħa tal-ġidra (<i>Brassica oleracea L. var. caulorapa u gongylodes L.</i>)	[...]
1209 91 30	- - - Żerriegħa tal-pitravi ta' l-insalata jew żerriegħa tal-pitravi (<i>Beta vulgaris var. conditiva</i>)	[...]
1209 91 90	- - - Oħrajn	3
[...]	[...]	[...]

11 L-intestatura 1212 tan-NM hija fformulata kif ġej:

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)
[...] 1212	[...] Ħarrub, alki tal-baħar u alki oħrajn, pitravi u kannamieli, friski, imkessħin, friżati jew imnixxin, mitħunin jew le; għadam u qlub tal-għadam tal-frott u prodotti veġetali oħrajn (inklużi għeruq mhux inkaljati taċ-ċikwejra tal-varjeta' <i>Cichorium intybus sativum</i>) ta' kwalita' użata l-aktar għall-konsum uman, mhux imsemminjati jew inklużi band'oħra:	[...]
1212 20 00	- Alka tal-baħar u alki oħrajn	[...]
	- Oħrajn:	
1212 91	- - Pitravi:	
[...]	[...]	[...]
1212 99	- - Oħrajn:	
1212 99 20	- - - Kannamieli	[...]
1212 99 30	- - - Ħarrub	[...]
[...]	[...]	[...]
1212 99 70	- - - Oħrajn	B'xejn

- 12 L-Ewwel Parti tan-NM tinkludi ġabra ta' dispożizzjonijiet preliminari. Taħt it-Titolu I ta' din il-parti, dwar ir-regoli ġenerali, it-Taqsima A, intitolata "Regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda", tiddisponi:

"Il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-[NM] għanda tkun irregolata mill-prinċipji li ġejjin:

It-titli tat-taqsimiet, kapitli u subkapitli huma maħsubin għall-ħeffa ta' referenza biss; għal għanijiet legali, il-klassifikazzjoni għandha tkun deċiża skond it-termini tat-titli u n-noti ta' kwalunkwe taqsima jew kapitlu relattiv u, sakemm dawn t-titli jew in-noti ma jkunux jeħtieġu mod ieħor, skond id-dispożizzjonijiet li ġejjin.

[...]"

- 13 In-noti 1 u 3 tal-Kapitolu 12 tan-NM, li jirrigwardaw rispettivament l-intestatura 1207 u 1209 ta' din in-nomenklatura, jipprevedi li:

"1. Titlu [intestatura] 1207 japplika, fost l-oħrajn, għal ġewż tal-palm u qlub tagħhom, żerriegħa tal-qoton, żerriegħa taż-żejt ir-riġnu, gulġien, żerriegħa tal-mustarda, għosfor, żerriegħa tal-peprin u ġewż tax-*shea* (karite). Ma japplikax għall-prodotti ta' titlu 0801 jew 0802 jew għaż-żebbuġ (Kapitlu 7 jew 20).

[...]

3. Għall-għanijiet ta' titlu 1209, żrieragħ tal-pitravi, tal-ħaxix u ta' erbaċej oħrajn, żrieragħ ta' fjuri ornamental, żrieragħ ta' veġetali, żrieragħ ta' siġar tal-foresta, żrieragħ ta' siġar tal-frott, żrieragħ ta' ġulbiena (ħlief dawk ta' l-ispeċi *Vicia faba*) jew ta' lupini għandhom jitqiesu bħala 'żrieragħ ta' kwalità użata għaż-żriegħ'.

Titlu 1209, iżda, ma japplikax għal dawn li ġejjin, anke jekk għaż-żriegħ:

[...]

- d) prodotti ta' titli 1201 sa 1207 jew 1211.”

In-noti ta' spjega għan-NM

- 14 Skont it-tieni inċiż tal-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament Nru 2658/87, il-Kummissjoni tnejji noti ta' spjega għan-NM, li hija tippubblika b'mod regolari f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Dawk ippubblikati fit-28 ta' Frar 2006 (ĠU C 50, p. 1), applikabbli fil-mument tal-importazzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jinkludu tliet noti dwar is-subintestaturi 1207 99 98, 1209 91 90 u 1212 99 80 tan-NM.
- 15 Għandu jiġi osservat li l-enumerazzjoni ta' dawn l-intestaturi fi ħdan l-imsemmija noti ta' spjega kienet tirreferi għall-enumerazzjoni tan-NM kif kienet tirriżulta mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1719/2005, tas-27 ta' Ottubru 2005, li jemenda l-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87 (ĠU L 286, p. 1). Issa, l-enumerazzjoni tas-subintestaturi 1207 99 98 u 1212 99 80 tan-NM ġiet emendata bir-Regolamenti Nri 1549/2006 u 1214/2007, applikabbli għall-fatti tal-kawża prinċipali, biex b'hekk saru s-subintestaturi 1207 99 97 u 1212 99 70 tan-NM, mingħajr ma ġie emendat il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom.
- 16 In-noti ta' spjega għan-NM dwar is-subintestatura 1207 99 98 tan-NM, li għandhom għalhekk jinqraw bħala li jinterpretaw il-kamp ta' applikazzjoni tas-subintestatura 1207 99 97 tan-NM, huma fformulati kif ġej:
- “1207 99 98 Oħrajn [...] Dan is-subtitlu [subintestatura] jinkludi ukoll żrieragħ tal-qar[għ]a ħamra ħodor bil-ġilda ratba li ġenetikament jonqoshom is-saff suberizzat ta' barra tal-qoxra taż-żerriegħa (*Cucurbita pepo L. convar. citrullinia Greb. var. styriaca u Cucurbita pepo L. var. oleifera Pietsch*). Dawn il-qar[għ]a ħomor huma prinċipalment imkabbirin għaż-żejt tagħhom u mhux għal użu bħala veġetali, iż-żrieragħ ta' dawn ta' l-aħħar jaqgħu taħt subtitlu 1209 91 90. Dan is-subtitlu ma jinkludix żrieragħ tal-qar[għ]a ħamra inkaljati (subtitlu 2008 19).”
- 17 In-noti ta' spjega għan-NM dwar is-subintestatura 1209 91 90 tan-NM huma fformulati kif ġej:
- “1209 91 90 Oħrajn Dan is-subtitlu [subintestatura] jinkludi ż-żrieragħ ta' qar[għ]a aħmar kultivat bħala veġetali meta jintużaw għal żriegħ, għall-ikel (eż. f'insalati), fl-industrija ta' l-ikel (eż., fi prodotti tal-forn) jew għal għanijiet mediċinali. Ara ukoll in-Noti ta' Spjega għal subtitlu 1207 99 98.”
- 18 In-noti ta' spjega għan-NM dwar is-subintestatura 1212 99 80 tan-NM, li għandhom jinqraw bħala li jinterpretaw il-kamp ta' applikazzjoni tas-subintestatura 1212 99 70 ta' din in-nomenklatura, jippreċiżaw li ż-żrieragħ tal-qar[għ]a ħamra koperti mill-intestaturi 1207 jew 1209 tan-NM ma jaqgħu taħt din is-subintestatura.

In-noti ta' spjega tas-SA

- 19 L-ODD tapprova, skont il-kundizzjonijiet iffissati fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni dwar is-SA, in-noti ta' spjega u l-opinjoni ta' klassifikazzjoni adottati mill-kumitat tas-SA. In-noti ta' spjega tas-SA adottati matul is-sena 2007 huma applikabbli għall-importazzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali.
- 20 In-noti 1 u 3 li jinsabu fil-Kapitolu 12 tan-noti ta' spjega tas-SA, intitolat “Żrieragħ u frott żejtnin; diversi qmuħ, żrieragħ u frott; pjanti industrijali jew mediċinali; tiben u magħlef” [traduzzjoni mhux uffiċjali], huma fformulati kif ġej:
- “1. L-intestatura 12.07 tapplika, fost oħrajn, għal ġewż tal-palm u qlub tagħhom, żerriegħa tal-qoton, żerriegħa taż-żejt ir-riġnu, ġulgħien, żerriegħa tal-mustarda, għosfor, żerriegħa tal-peprin u ġewż *tax-shea* (karite).
- [...]
3. Għall-għanijiet tal-intestatura 12.09, żrieragħ tal-pitravi, tal-ħaxix u ta' erbaċej oħrajn, żrieragħ ta' fjuri ornamentali, żrieragħ ta' veġetali, żrieragħ ta' siġar tal-foresta, żrieragħ ta' siġar tal-frott, żrieragħ ta' ġulbiena (ħlif dawk tal-ispeċi *Vicia faba*) jew ta' lupini għandhom jitqiesu bħala 'żrieragħ ta' kwalità użata għaż-żriegħ'.
- Madankollu, l-intestatura 12.09 ma tapplikax għal dawn li ġejjin, anke jekk ikunu intiżi għaż-żriegħ:
- [...]
- d) il-prodotti li jaqgħu taħt l-intestaturi 12.01 sa 12.07 jew 12.11.” [traduzzjoni mhux uffiċjali]
- 21 Barra minn hekk, il-kunsiderazzjonijiet ġenerali li jinsabu fil-Kapitolu 12 tan-noti ta' spjega tas-SA huma fformulati kif ġej:
- “L-intestaturi 12.01 sa 12.07 jinkludu ż-żrieragħ u l-frott użati normalment għall-estrazzjoni, permezz ta' tagħsir jew ta' solventi, ta' żjut jew ta' xaħmijiet kommestibbli jew industrijali, kemm jekk ikunu intiżi effettivament għal dan il-użu, għaż-żriegħ jew inkella għal għanijiet oħra. [...]” [traduzzjoni mhux uffiċjali]
- 22 In-noti ta' spjega tas-SA dwar l-intestatura 1207 huma fformulati kif ġej:
- “Din l-intestatura tinkludi ż-żrieragħ u l-frott użati għall-estrazzjoni ta' żjut jew ta' xaħmijiet kommestibbli jew industrijali, minbarra dawk imsemmija fl-intestaturi 12.01 sa 12.06 (ara wkoll il-kunsiderazzjonijiet ġenerali).
- [...]” [traduzzjoni mhux uffiċjali]
- 23 Skont in-noti ta' spjega tas-SA dwar l-intestatura 1209, iż-żrieragħ u l-frott żejtnin koperti mill-intestaturi 1201 sa 1207 tas-SA huma esklużi minn din l-intestatura.
- 24 In-noti ta' spjega tas-SA dwar l-intestatura 1212 huma fformulati kif ġej:
- [...]
- D) Għadam u qlub tal-għadam tal-frott u prodotti veġetali oħra (inklużi għeruq mhux inkaljati taċ-ċikwejra tal-varjeta' *Cichorium intybus sativum*) użati prinċipalment għall-konsum mill-bniedem, mhux imsemmija jew inklużi band'oħra.

F'dan il-grupp huma inklużi l-għadam tal-frott u ta' prodotti veġetali oħra, mhux imsemmija jew inklużi band'oħra, użati prinċipalment għall-konsum mill-bniedem, direttament jew wara pproċessar.

[...]” [traduzzjoni mhux uffiċjali]

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

- 25 ALKA hija kumpannija import-export li għandha s-sede tagħha fir-Rumanija u li l-attività prinċipali tagħha tikkonsisti fil-kummerċ bl-ingrossa ta' kafé, ta' kawkaw u ta' ħwawar.
- 26 Matul il-perijodu bejn id-19 ta' Frar 2007 u d-29 ta' Mejju 2008, ALKA importat fir-Rumanija 1 560 xkora ta' żrieragħ tal-qargħa ħamra mhux ipproċessati u fil-qoxra tagħhom, li kienu joriġinaw miċ-Ċina u li kellhom id-deskrizzjoni segwenti “chinese white pumpkin seeds size: 13 cm” (żrieragħ tal-qargħa ħamra bajda Ċiniżi, daqs: 13 cm).
- 27 Fil-mument tat-twettiq tal-formalitajiet tar-rilaxx doganali, ALKA kklassifikat ż-żrieragħ tal-qargħa ħamra importati taħt is-subintestatura tariffarja 1207 99 97 tan-NM, li għaliha hija prevista eżenzjoni mid-dazju doganali fuq l-importazzjoni.
- 28 Wara spezzjoni mwettqa mill-uffiċċju doganali ta' Constanța Sud (ir-Rumanija), l-ispettur tad-dwana qies li ż-żrieragħ tal-qargħa ħamra importati kellhom jiġu kklassifikati taħt is-subintestatura tariffarja 1209 91 90 tan-NM, li għaliha d-dazju doganali fuq l-importazzjoni huwa ta' 3%. Konsegwentement, l-uffiċċju doganali ta' Constanța Sud adottat, fit-2 ta' Frar 2009, deċiżjoni li permezz tagħha d-dazji doganali differenzjali fuq l-importazzjoni kellhom jitħallsu minn ALKA, jiġifieri 153 748 lei Rumani (RON) bħala dazji doganali, RON 29 209 bħala taxa fuq il-valur miżjud u RON 77 536 bħala interessi moratorji, b'total ta' RON 260 493.
- 29 ALKA ressqet ilment kontra din id-deċiżjoni ta' regolarizzazzjoni, li ġie miċħud mill-awtorità doganali. Wara ċ-ċaħda ta' dan l-ilment, ALKA ressqet kawża quddiem il-qorti tar-rinviju, li laqgħat ir-rikors tagħha. Madankollu, l-awtorità doganali appellat kontra din id-deċiżjoni quddiem il-Curtea de Apel București (qorti tal-appell ta' Bukarest, ir-Rumanija), li laqgħat l-appell peress li l-qorti tar-rinviju ma applikatx b'mod korrett ir-regoli dwar l-amministrazzjoni tal-prova għal dak li jirrigwarda l-użu effettiv taż-żrieragħ tal-qargħa ħamra importati. Konsegwentement, il-Curtea de Apel București bagħtet lura l-kawża quddiem il-qorti tar-rinviju sabiex tiġi deċiża mill-ġdid.
- 30 Adita għal darb'oħra bil-kawża, il-qorti tar-rinviju qieset li sabiex tinstab soluzzjoni għaliha hija meħtieġa interpretazzjoni tal-intestaturi 1207 u 1209 tan-NM.
- 31 Kien f'dawn iċ-ċirkustanzi li t-Tribunalul București (qorti reġjonali ta' Bukarest) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:
- 1) Iż-żerriegħa tal-qargħa ħamra (ħaxix) fil-qoxra, intiża li tiġi sottomessa għal trattament termiku u mekkaniku sabiex tintuża għall-konsum mill-bniedem (bħala ikel li huwa snack) għandha tiġi kklassifikata taħt l-intestatura tariffarja 1207 [...] jew taħt l-intestatura tariffarja [...] tan-[NM]?
 - 2) Iż-żerriegħa tal-qargħa ħamra (ħaxix) fil-qoxra, intiża li tiġi sottomessa għal trattament termiku u mekkaniku sabiex tintuża għall-konsum mill-bniedem (bħala ikel li huwa snack) għandha tiġi kklassifikata, skont in-noti ta' spjega għan-[NM], taħt l-intestatura tariffarja 1207 [...] jew taħt l-intestatura tariffarja 1209 [tan-NM]?

- 3) Jekk teżisti kuntradizzjoni bejn il-klassifikazzjoni tariffarja li tirriżulta mit-tariffa doganali komuni u dik li tirriżulta min-noti ta' spjega [għan-NM] għal dak li jirrigwarda l-istess prodott (żerriegħa tal-qargħa ħamra — ħaxix — fil-qoxra), liema minn dawn il-klassifikazzjonijiet tariffarji japplikaw fil-każ ineżami?
- 4) Fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 109(a), 110 u 256(3) tar-Regolament Nru 2454/93, proċeduri amministrattivi speċjali bħas-sottomissjoni ta' talba jew il-preżentazzjoni quddiem ċerta awtorità huma neċessarji sabiex iċ-ċertifikat EUR.1 jipproduċi l-effett speċifiku tiegħu jiġifieri li l-organi doganali japplikaw l-iskema tariffarja doganali preferenzjali prevista fl-Artikolu 98 tal-imsemmi regolament?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel, it-tieni u t-tielet domanda

- 32 Permezz tal-ewwel tliet domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk iż-żrieragħ tal-qargħa ħamra inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandhomx jiġu kklassifikati taħt l-intestatura 1207 jew 1209 tan-NM.
- 33 Preliminarjament, għandu jittfakkar li, meta l-Qorti tal-Ġustizzja tiġi adita b'rinviju għal deċiżjoni preliminari fil-qasam tal-klassifikazzjoni tariffarja, ir-rwol tagħha huwa li tipprovdi kjarifika lill-qorti nazzjonali dwar il-kriterji li permezz tagħhom din tal-aħħar tkun tista' tikklassifika b'mod korrett il-prodotti inkwistjoni fin-NM iktar milli tikklassifikahom hija stess, u dan iktar u iktar minħabba li hija mhux neċessarjament ikollha għad-dispożizzjoni tagħha l-elementi kollha indispensabbli f'dan ir-rigward. Għaldaqstant, jidher li l-qorti nazzjonali tkun tinsab f'pożizzjoni aħjar sabiex tagħmel dan (ara, b'mod partikolari, is-sentenza *Panasonic Italia et*, C-472/12, EU:C:2014:2082, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 34 Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tipproċedi bil-klassifikazzjoni tal-prodotti inkwistjoni fil-kawża prinċipali fid-dawl tar-risposta mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja għad-domanda magħmula lilha (sentenza *Panasonic Italia et*, C-472/12, EU:C:2014:2082, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 35 Barra minn hekk, mill-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Kummissjoni u minn dawk ifformulati mill-partijiet waqt is-seduta għas-sottomissjonijiet orali jirriżulta li, fid-dawl tas-sentenza *Sunshine Deutschland Handelsgesellschaft* (C-229/06, EU:C:2007:239, punti 30 sa 32), il-klassifikazzjoni ta' żrieragħ tal-qargħa ħamra inkwistjoni fil-kawża prinċipali taħt l-intestatura 1212 tan-NM tista' tkun rilevanti wkoll.
- 36 Konsegwentement, dawn l-ewwel tliet domandi għandhom jiġu fformulati mill-ġdid fis-sens li l-qorti tar-rinviju qiegħda tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kriterji li għandhom jiġu applikati sabiex jiġi ddeterminat jekk iż-żrieragħ tal-qargħa ħamra inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandhomx jiġu kklassifikati taħt l-intestatura 1207, 1209 jew 1212 tan-NM.
- 37 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, fl-interess taċ-ċertezza legali u tal-faċilità ta' sħarriġ, il-kriterju deċiżiv għall-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija għandu jiġi identifikat mill-karatteristiċi u mill-proprjetajiet oġġettivi tagħha, kif iddefiniti mill-kliem tal-intestatura tan-NM u min-noti tat-taqsimu jew tal-kapitolu. Dawn il-karatteristiċi u proprjetajiet oġġettivi għandhom jiġu vverifikati fil-mument tar-rilaxx doganali (sentenza *Panasonic Italia et*, C-472/12, EU:C:2014:2082, punti 35 u 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 38 Għal dak li jirrigwarda, l-ewwel nett, il-kamp ta' applikazzjoni tal-intestatura 1207 tan-NM, għandu jiġi osservat li din hija intitolata "Żrieragħ u frott ieħor żejtnin, imkissrin jew le", iżda li l-NM ma tagħtix definizzjoni tat-tifsira tal-kliem "żrieragħ u frott ieħor żejtnin" fis-sens ta' din l-intestatura.
- 39 Huwa ġeneralment aċċettat li l-kunċett ta' "żrieragħ u frott żejtnin" ikopri dawk li minnhom jista' jiġi estratt żejt.
- 40 Għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll in-noti ta' spjega għan-NM u tas-SA li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, jikkontribwixxu b'mod sinjifikattiv għall-interpretazzjoni tal-portata tad-diversi intestaturi tariffarji mingħajr, madankollu, ma għandhom is-saħħa obligatorja ta' liġi, b'tali mod li l-kontenut tagħhom għandu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet tan-NM u ma jistax jemenda l-portata tagħha (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Sunshine Deutschland Handelsgesellschaft, C-229/06, EU:C:2007:239, punt 27).
- 41 Qabelxejn, għal dak li jirrigwarda n-noti ta' spjega tas-SA, il-kunsiderazzjonijiet ġenerali li jinsabu fil-Kapitolu 12 tagħhom jippreċiżaw li l-intestaturi 1201 sa 1207 tas-SA jinkludu "ż-żrieragħ u l-frott użati normalment għall-estrazzjoni, permezz ta' tagħsir jew ta' solventi, ta' żjut jew ta' xaħmijiet kommessibbli jew industrijali, kemm jekk ikunu intiżi effettivament għal dan il-użu, għaż-żriegħ jew inkella għal għanijiet oħra".
- 42 Sussegwentement, skont in-noti ta' spjega tas-SA dwar l-intestatura 1207, din tal-aħħar tinkludi "ż-żrieragħ u l-frott użati għall-estrazzjoni ta' żjut jew ta' xaħmijiet kommessibbli jew industrijali, minbarra dawk imsemmija fl-intestaturi 12.01 sa 12.06".
- 43 Fl-aħħar nett, in-noti ta' spjega għan-NM dwar is-subintestatura 1207 99 98 tan-NM jindikaw li huma inklużi wkoll f'din is-subintestatura "żrieragħ tal-qar[għ]a ħamra hodur bil-ġilda ratba li ġenetikament jonqoshom is-saff suberizzat ta' barra tal-qoxra taż-żerriegħa (*Cucurbita pepo L. convar. citrullinia Greb. var. styriaca u Cucurbita pepo L. var. oleifera Pietsch*)", billi dawn il-varjetajiet ta' qarġha ħamra huma kkoltivati prinċipalment għaż-żejt.
- 44 Minn dak kollu li ntqal jirriżulta li l-kunċett ta' "żrieragħ u frott ieħor żejtnin", li jinsab fl-intestatura 1207 tan-NM, għandu jiġi interpretat fis-sens li jkopri żrieragħ u frott użati normalment għall-estrazzjoni ta' żjut jew ta' xaħmijiet kommessibbli jew industrijali, minbarra dawk imsemmija fl-intestaturi 1201 sa 1206 tan-NM. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk iż-żrieragħ tal-qarġha ħamra inkwistjoni fil-kawża prinċipali jissodisfawx dawn il-kriterji, u b'mod partikolari jekk jintużawx normalment għall-estrazzjoni ta' żjut jew ta' xaħmijiet kommessibbli jew industrijali, f'liema każ dawn għandhom jiġu kklassifikati taħt l-intestatura 1207 tan-NM.
- 45 F'dan ir-rigward, għandu jiġi ppreċiżat, kif sostnew ġustament il-Gvern Rumun u l-Kummissjoni bi tweġiba għall-mistoqsijiet bil-miktub magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja, li ż-żrieragħ li għandhom in-natura ta' "żrieragħ żejtnin", fis-sens tal-intestatura 1207 tan-NM, ma jistgħux jiġu kklassifikati taħt l-intestaturi 1209 u 1212 tan-NM, u dan anki jekk ma jintużawx għall-estrazzjoni ta' żjut jew ta' xaħmijiet kommessibbli jew industrijali, iżda għaż-żriegħ jew għall-konsum mill-bniedem.
- 46 Minn naħa, l-intestatura 1209 tan-NM hija intitolata "Żrieragħ, frott u spori, ta' kwalita' użati għaż-żriegħ". Issa, l-intestatura 1207 tan-NM tinkludi subintestaturi li jkopru espliċitament żrieragħ żejtnin intiżi għaż-żriegħ, bħas-subintestatura 1207 99 15, u żrieragħ żejtnin mhux intiżi għaż-żriegħ, bħas-subintestatura 1207 99 97.
- 47 Barra minn hekk, kemm in-nota 3 tal-Kapitolu 12 tan-NM kif ukoll in-nota 3 tal-Kapitolu 12 tan-noti ta' spjega tas-SA jippreċiżaw li l-prodotti li jaqgħu taħt l-intestaturi 1201 sa 1207 huma esklużi mill-intestatura 1209, u dan "anke jekk ikunu intiżi għaż-żriegħ".

- 48 Konsegwentement, iż-żrieragħ li għandhom in-natura ta' żrieragħ żejtnin fis-sens tal-intestatura 1207 tan-NM għandhom jiġu kklassifikati taħt din tal-aħħar, u mhux taħt l-intestatura 1209 tan-NM, u dan anki jekk ma jintużawx għall-estrazzjoni ta' żjut jew ta' xaħmijiet kommessibbli jew industrijali, iżda għaż-żriegħ.
- 49 Min-naħa l-oħra, għal dak li jirrigwarda l-intestatura 1212 tan-NM, mill-formulazzjoni tagħha jirriżulta li din tkopri, b'mod partikolari, l-għadam u l-qlub tal-għadam tal-frott u prodotti veġetali oħra użati prinċipalment għall-konsum mill-bniedem, mhux imsemmija jew inklużi band'oħra fin-NM.
- 50 Minn din il-formulazzjoni jirriżulta li l-intestatura 1212 tan-NM tikkostitwixxi kategorija residwa, intiża li tapplika biss meta l-ebda intestatura oħra tan-NM ma tkun applikabbli. Konsegwentement, żrieragħ li għandhom in-natura ta' żrieragħ żejtnin fis-sens tal-intestatura 1207 tan-NM ma jistgħux jiġu kklassifikati taħt l-intestatura 1212, u dan anki jekk ma jintużawx għall-estrazzjoni ta' żjut jew ta' xaħmijiet kommessibbli jew industrijali, iżda għall-konsum mill-bniedem.
- 51 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal, hija l-qorti tar-rinviju, sabiex twettaq il-klassifikazzjoni tariffarja taż-żrieragħ tal-qargħa ħamra inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li għandha tiddetermina jekk dawn jintużawx normalment għall-estrazzjoni ta' żjut jew ta' xaħmijiet kommessibbli jew industrijali, mingħajr ma jaqgħu taħt l-intestaturi 1201 sa 1206 tan-NM. Jekk dan huwa l-każ, dawn iż-żrieragħ għandhom jiġu kklassifikati taħt l-intestatura 1207 tan-NM minħabba n-natura tagħhom ta' żrieragħ żejtnin, u dan irrispettivament mill-użu effettiv tagħhom għall-estrazzjoni ta' żjut jew ta' xaħmijiet kommessibbli jew industrijali, għaż-żriegħ jew għall-konsum mill-bniedem.
- 52 Jekk jirriżulta li l-imsemmija żrieragħ ma għandhomx in-natura ta' żrieragħ żejtnin fis-sens tal-intestatura 1207 tan-NM, il-qorti tar-rinviju jkollha tiddetermina jekk dawn jaqgħux taħt l-intestaturi 1209 jew 1212 tan-NM.
- 53 Għalhekk, huwa neċessarju li jitfakkru l-kriterji li jippermettu li ssir distinzjoni bejn il-kampijiet ta' applikazzjoni rispettivi tal-intestaturi 1209 jew 1212 tan-NM.
- 54 Fid-dawl tal-formulazzjoni tagħha, imfakkra fil-punt 48 ta' din is-sentenza, l-intestatura 1212 tan-NM hija intiża li tapplika fil-każ li l-intestatura 1209 tan-NM ma tkunx applikabbli għaż-żrieragħ tal-qargħa ħamra inkwistjoni fil-kawża prinċipali.
- 55 Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ppreċiżat li l-intestatura 1209 tan-NM, intitolata "Żrieragħ, frott u spori, ta' kwalita' użati għaż-żriegħ", tirrigwarda biss l-elementi veġetali li għandhom il-possibbiltà li jnibbtu pjanta ġdida. Bil-kontra, l-intestatura 1212 tan-NM hija kategorija residwa li tinkludi ż-żrieragħ veġetali li ma humiex intiżi għaż-żriegħ imma għall-konsum mill-bniedem (sentenza *Sunshine Deutschland Handelsgesellschaft*, C-229/06, EU:C:2007:239, punt 30).
- 56 Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ż-żrieragħ tal-qargħa ħamra mqaxxa li jkunu tilfu l-kapaċità tagħhom li jnibbtu pjanta u li huma intiżi għall-industrija tal-ħobż jaqgħu taħt is-subintestatura 1212 99 80 tan-NM (sentenza *Sunshine Deutschland Handelsgesellschaft*, C-229/06, EU:C:2007:239, punt 32).
- 57 Minn dak kollu li ntqal jirriżulta li, fil-każ li ż-żrieragħ tal-qargħa ħamra inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jkollhomx in-natura ta' żrieragħ żejtnin fis-sens tal-intestatura 1207 tan-NM, dawn iż-żrieragħ għandhom jiġu kklassifikati taħt l-intestatura 1209 tan-NM jekk xorta kellhom il-kapaċità li jnibbtu pjanta fil-mument tal-importazzjoni tagħhom, u dan irrispettivament mill-użu effettiv tagħhom għaż-żriegħ jew għall-konsum mill-bniedem. Fil-każ kuntrarju, l-imsemmija żrieragħ għandhom jiġu kklassifikati taħt l-intestatura 1212 tan-NM.

58 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel tliet domandi hija li, sabiex twettaq il-klassifikazzjoni tariffarja taż-żrieragħ tal-qargħa ħamra inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-qorti tar-rinviju għandha tiddetermina jekk dawn jintużawx normalment għall-estrazzjoni ta' żjut jew ta' xaħmijiet komestibbli jew industrijali, mingħajr ma jaqgħu taħt l-intestaturi 1201 sa 1206 tan-NM. Jekk dan huwa l-każ, dawn iż-żrieragħ għandhom jiġu kklassifikati taħt l-intestatura 1207 tan-NM minħabba n-natura tagħhom ta' żrieragħ żejtnin, u dan irrispettivament mill-użu effettiv tagħhom għall-estrazzjoni ta' żjut jew ta' xaħmijiet komestibbli jew industrijali, għaż-żriegħ jew għall-konsum mill-bniedem. Fil-każ kuntrarju, l-imsemmija żrieragħ għandhom jiġu kklassifikati taħt l-intestatura 1209 tan-NM jekk huma kien għad għandhom il-kapaċità li jnibbtu pjanta fil-mument tal-importazzjoni tagħhom, u dan irrispettivament mill-użu effettiv tagħhom għaż-żriegħ jew għall-konsum mill-bniedem, jew taħt l-intestatura 1212 tan-NM jekk huma ma kienx għad għandhom l-kapaċità li jnibbtu pjanta.

Fuq ir-raba' domanda

- 59 Permezz tar-raba' domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar l-eżistenza eventwali ta' proċeduri amministrattivi speċjali sabiex ċertifikat EUR.1 jipproduċi l-effetti tiegħu fi ħdan l-awtoritajiet doganali.
- 60 Il-Gvern Rumun isostni li din ir-raba' domanda għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli, peress li r-risposta ma tkunx utli sabiex tinstab soluzzjoni għall-kawża prinċipali.
- 61 Il-Gvern Rumun isostni, f'dan ir-rigward, li ż-żrieragħ tal-qargħa ħamra importati miċ-Ċina, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma humiex koperti mill-miżuri tariffarji preferenzjali stabbiliti mill-Unjoni Ewropea. Il-Gvern Rumun iżid li, f'kull każ, ALKA ma talbitx sabiex tibbenefika minn skema tariffarja favorevoli meta għamlet id-dikjarazzjoni doganali u ma ppreżentat l-ebda ċertifikat li jattesta l-orijini preferenzjali taż-żrieragħ inkwistjoni fil-kawża prinċipali.
- 62 L-Artikolu 94(a) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja jipprevedi li t-talba għal deċiżjoni preliminari għandha tinkludi espożizzjoni fil-qosor tas-suġġett tal-kawża kif ukoll tal-fatti rilevanti, kif ġew ikkonstatati mill-qorti tar-rinviju jew, minn tal-inqas, espożizzjoni tal-informazzjoni fattwali li fuqha jkun bbażati d-domandi.
- 63 Għandu jiġi osservat, qabelxejn, li l-uniċi fatti rilevanti mogħtija fit-talba għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw, minn naħa, il-fatt li ALKA ma talbitx l-applikazzjoni ta' skema tariffarja favorevoli meta għamlet id-dikjarazzjonijiet doganali u, min-naħa l-oħra, il-fatt li ALKA għandha ċertifikati ta' orijini li abbażi tagħhom iż-żrieragħ importati kienu jibbenefikaw minn rilaxx.
- 64 Sussegwentement, meta sarulhom mistoqsijiet f'dan ir-rigward mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-Gvern Rumun u l-Kummissjoni ma setgħux jidentifikaw skema tariffarja favorevoli fi ħdan id-dritt tal-Unjoni li tista' tapplika għall-importazzjonijiet ta' żrieragħ tal-qargħa ħamra li joriġinaw miċ-Ċina.
- 65 Fl-aħħarnett, u minkejja stedina bil-miktub mill-Qorti tal-Ġustizzja f'dan is-sens, ALKA lanqas ma allegat li hija bagħtet lill-awtoritajiet nazzjonali ċertifikat li jattesta l-orijini preferenzjali taż-żrieragħ tal-qargħa ħamra inkwistjoni fil-kawża prinċipali.
- 66 Minn dak kollu li ntqal jirriżulta li r-raba' domanda għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli, peress li t-talba għal deċiżjoni preliminari ma tinkludix espożizzjoni suffiċjenti tal-fatti rilevanti li fuqhom hija bbażata din id-domanda.

Fuq l-ispejjeż

- 67 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) taqta' u tiddeċiedi:

Sabiex twettaq il-klassifikazzjoni tariffarja taż-żrieragħ tal-qargħa ħamra inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-qorti tar-rinviju għandha tiddetermina jekk dawn jintużawx normalment għall-estrazzjoni ta' żjut jew ta' xaħmijiet komestibbli jew industrijali, mingħajr ma jaqgħu taħt l-intestaturi 1201 sa 1206 tan-Nomenklatura Magħquda li tinsab fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana, fil-verżjonijiet tagħha li jirriżultaw, suċċessivament, mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1549/2006, tas-17 ta' Ottubru 2006, u mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1214/2007, tal-20 ta' Settembru 2007. Jekk dan huwa l-każ, dawn iż-żrieragħ għandhom jiġu kklassifikati taħt l-intestatura 1207 tan-Nomenklatura Magħquda minħabba n-natura tagħhom ta' żrieragħ żejtnin, u dan irrispettivament mill-użu effettiv tagħhom għall-estrazzjoni ta' żjut jew ta' xaħmijiet komestibbli jew industrijali, għaż-żriegħ jew għall-konsum mill-bniedem. Fil-każ kuntrarju, l-imsemmija żrieragħ għandhom jiġu kklassifikati taħt l-intestatura 1209 tan-Nomenklatura Magħquda jekk huma kien għad għandhom il-kapaċità li jnibbtu pjanta fil-mument tal-importazzjoni tagħhom, u dan irrispettivament mill-użu effettiv tagħhom għaż-żriegħ jew għall-konsum mill-bniedem, jew taħt l-intestatura 1212 tan-Nomenklatura Magħquda jekk huma ma kienx għad għandhom il-kapaċità li jnibbtu pjanta.

Firem